**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 485/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carlos Montesin**

Illum, 26 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, Carlos Montesin, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 433601L, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja talli matul ix-xahar ta' Ġunju 2019, ġewwa r-Raħal Ġdid, f'dawn il-Gzejjer:

1. Ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' u cioe' AA bi ksur tal-Artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u
2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'għemil zieni, ikkorrompa lil AA, bi ksur tal-Artikolu 203(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

> Il-Qorti giet mitluba wkoll titratta mal-imputat bhala reċediv u dan wara li ngħata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 204C, 203(1)(1), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Carlos Montesin ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal tliet (3) snin priġunerija. Il-Qorti, *inoltre*, a tenur ta' dak li jiddisponi l-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li isem l-imputat jitpoġġa fuq ir-Reġistru mwaqqaf permezz tal-imsemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja tas-sentenza tiġi nnotifikata lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex issir tali annotazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali, pprezentat fl-4 ta' Awwissu 2021, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

a) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrih mill-Prosekuzzjoni, u kif ukoll fil-parti fejn a tenur ta' dak li jiddisponi l-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li isem l-imputat jitpoġġa fuq ir-Reġistru mwaqqaf permezz tal-imsemmi Att; u
b) Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tal-piena erogata fil-konfront tal-appellat, billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi piena idonea u ġusta skont il-liġi.

Rat l-aggravji imqajma mill-Avukat Generali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, dan huwa appell imressaq mill-Avukat Ġenerali limitatament għal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellat bl-aggravvju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kienitx, fix-xorta jew kwantita' tagħha, dik ikkontemplata fil-Liġi għal dawk il-vjolazzjonijiet penali ammessi mill-appellat *in toto* u li allura ġie misjub ħati tagħhom.

Illi qabel tinoltra ruħha f'eżami tal-lanjanza li jqajjem l-Avukat Ġenerali, l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi fil-parti deċizorja tas-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti ndikat wieħed mill-Artikoli tal-Liġi li dwaru kienet qed issib ħtija bħala l-Artikolu "*203(1)(1)*" li x'aktarx kellu jaqra "*203(1)(a)*" tal-Kodiċi Kriminali hekk kif inhu anke indikat fiċ-ċitazzjoni. Illi huwa indubitat illi dan kien kjarament *lapsus calami* da parti tal-Ewwel Qorti. Illi di piu' lanqas ma tista' l-Qorti tirriavviza xi nullita fit-termini ta'l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li sentenza "*għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat*". Dan għaliex l-artikolu tal-liġi li jindika ir-reat ġie korrettement indikat mill-Ewwel Qorti, u huwa biss dak is-sub-inċiż ta' dan l-artikolu tal-liġi li jitkellem dwar l-aggravanti għar-reat li allura ma ġiex indikat jew ġie indikat b'mod erronju fis-sentenza appellata. Illi l-Qorti fid-deċizjoni tagħha tista' tissana dan l-iżball li kif ingħad ma jolqotx l-validita' tas-sentenza ta'l-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi sorvolat dan il-punt proċedurali, jifdal biex jiġi trattat l-uniku aggravju mqanqal mill-Avukat Ġenerali li, kif ingħad aktar 'il fuq, jindirizza dak li, fil-fehma tiegħu, kien l-iżball kommess mill-Ewwel Qorti li erogat piena li mhijiex fil-parametri tal-liġi, tant illi din tinżel taħt il-minimu mingħajr mal-Ewwel Qorti indikat li qed jiġu applikati il-provvediemnti ta'l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, minkejja li huwa minnu li fil-ġurisprudenza ġie kemm il-darba affermat illi huwa indeżiderabbli li l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fondata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

> **"Illi kif gja rriteniet din il-Qorti kemm il-darba fil-passat, huwa parament li hi tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan tghamlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi[1]."**

Illi l-appellat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ġie misjub ħati ta' zewġ reati lilu addebitati, u ċioe dak tal-parteċipazzjoni sesswali ma' tfal ta' taħt l-eta' u r-reat tal-korruzzjoni ta' minorenni, flimkien mal-addebitu tar-reċediva. Mill-Atti Proċesswali jirriżulta illi l-minorenni in kwistjoni kellu biss għaxar snin fiż-żmien tal-kummissjoni tal-atti inkriminatorji, u dana għaliex, hekk kif evidenzjat miċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, huwa twieled nhar id-19 t'Ottubru 2009, bl-appellat jiġi mixli li ikkometta dawn ir-reati fix-xahar ta' Ġunju 2019. *In oltre*, kif jirriżulta mill-verbal datat 9 ta' Ġunju 2021, anke l-appellat kien għadu ma għalaqx it-tmintax-il sena bil-verbal jindika hekk:

> ***"Il-partijiet qed jiddikjaraw li meta ġie kommess ir-reat, l-imputat kien għadu minorenni"*.**

Issa, huwa minnu li fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx li l-appellat qed jibbenifika mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 37(2) tal-Kodiċi Kriminali. Madanakollu il-Qorti hija tal-fehma illi din ir-riduzzjoni fil-piena ġiet applikata mill-Ewwel Qorti meta din ikkalibrat il-piena, anka *in vista* ta' dak ivverbalizat mill-partijiet, hekk kif appena ċċitat.

Illi allura s-sentenza appellat tippekka f'dik il-parti tagħha fejn ġew indikati id-dispozizzjonijiet tal-liġi li fuqhom ġiet imsejsa il-ħtija u applikata l-piena għaldaqstant, u dan għaliex mhux biss, kif ingħad, is-sub-inċiż għall-artikolu 203(1)

[1] "Il-Pulizija vs. Joseph Attard", deċiza minn din il-Qorti nhar is-26 ta' Jannar 2001

tal-Kodiċi Kriminali ġie indikat b'mod erronju, iżda l-Ewwel Qorti naqqset milli tindika jekk fl-ikkalibrar tal-piena kenitx qed tapplika id-diżposizzjonijiet tal-artikolu 37, billi l-appellat kien taħt l-eta' fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat. Mhux biss, iżda, ġaladarba l-appellat kien qed jinstab ħati ta' iktar minn reat wieħed, jidhol fis-seħħ dak dispost fl-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar il-konkors ta' reati u pieni. Finalment għalkemm l-Ewwel Qorti tindika li l-appellat kien qed jinstab ħati ukoll tal-addebitu tar-reċidiva, bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, għalkemm iz-zewg artikoli huma indikati, iżda ma huwiex ċar jekk l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-liġi għaddietx biex żiedet il-piena bi grad jew inkella jekk għażlitx li ma tagħmilx dan fid-dawl tal-ammissjoni bikrija magħmula mill-appellat. Dan qed jingħad għaliex din il-Qorti neċessarjament trid tqis jekk dawn id-diżposizzjonijiet tal-liġi għandhomx jiġu applikati sabiex tindaga jekk l-aggravju imqanqal mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel reat li tiegħu nstab ħati l-appellat huwa dak ikkontemplat fl-Artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali – ir-reat dwar parteċipazzjoni sesswali ma' minorenni – liema reat iġorr miegħu piena ta' priġunerija ta' bejn ħames snin u għaxar snin. Bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 37(2) tal-Kodiċi Kriminali, fejn il-piena għar-reat in kwistjoni jrid jitnaqqas bi grad jew tnejn, il-parametri tal-piena għal dan ir-reat huwa dak tal-priġunerija bejn tlett snin u sitt snin.

Illi l-appellat jiġi misjub ħati wkoll tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe' ir-reat tal-korruzzjoni ta' minorenni, bl-aggravanti illi dan ġie kommess fuq minuri ta' għaxar snin, kif jinsab mixli, għal liema xilja l-appellat ammetta b'mod inkondizzjonat. Dan ir-reat hekk kif aggravat fit-termini tal-Artikolu 203(1)(a) iġorr miegħu piena ta' priġunerija ta' bejn sitt snin u tnax il-sena. Bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 37(2) tal-Kodiċi Kriminali, fejn il-piena tar-reat in kwistjoni, kif ingħad, trid titnaqqas bi grad jew tnejn, il-parametri tal-piena għal dan ir-reat huma dawk tal-priġunerija ta' bejn erba' snin u disa' snin. Dan magħdud, madanakollu billi l-Ewwel Qorti naqqset milli tindika fil-parti deċiżorja id-

disposizzjoni tal-liġi li tikkontempla dan l-aggravanti għar-reat, il-Qorti hija tal-fehma illi dan għandu jimmilita favur l-appellat u għalhekk mhijiex ser tqis iż-żieda fil-piena li għandha tingħata fit-termini tas-sub-inċiż (a) għall-artikolu 203(1) tal-Kodiċi Kriminali, sabiex b'hekk billi l-piena hija dik tal-priġunerija ta' bejn erba' u tmien snin li għandha titnaqqas bi grad jew tnejn fit-termini ta'l-artikolu 37, il-parametri tal-piena għal dan ir-reat huma dawk tal-priġunerija ta' bejn sentejn u ħames snin.

Illi, kif ingħad, ġaldarba l-appellat ġie misjub hati ta' aktar minn delitt wieħed li jnaqqsu il-liberta'personali, sabiex b'hekk hemm il-konkors tar-reati u pieni, għandu jiġi applikat favur tiegħu dak dispost fl-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali fejn għandu jkun hemm l-assorbiment tal-piena għar-reat l-iktar gravi meta reat wieħed ikun serva bħala mezz biex isir reat ieħor, bir-reat ta' parteċipazzjoni sesswali ma' minorenni, f'dan il-każ, wassal għal korruzzjoni ta'l-istess. Fil-kliem tal-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law - Part I , p. 167 (1963 edit.) :-

> ***"..where the two or more offences do not constitute together an aggravated crime (e.g. bodily harm for the purpose of theft - theft aggravated by violence ) and are linked to one another by the nexus of means to an end , then although each of the several offences , retains its specific identity, only the punishment provided for the greater offence can be awarded.This is the application of the method of "assorbimento".*** [2]

Illi ir-reat tal-partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal ta' taħt l-eta', kif diġa' ingħad, iġorr il-piena tal-priġunerija bejn ħames snin u għaxar snin, liema piena, jerġa' jingħad, għandha tibbenefika mir-riduzzjoni mahsuba fl-artikolu 37(2) tal-Kodiċi Kriminali sabiex b'hekk il-piena tinżel għal dik tal-priġunerija bejn tlett snin u sitt snin. Dan ifisser allura illi jekk l-Ewwel Qorti għażlet li ma iżżidx il-piena minħabba l-addebitu tar-reċediva, il-piena erogata ta' tlett snin priġunerija, bl-applikazzjoni ta'l-artikoli 17(h) u 37(2) tal-Kodiċi Kriminali, mingħajr iż-żieda minħabba fl-aggravanti li dwaru l-appellat ġie mixli, hija fil-parametri tal-liġi, għalkemm fil-minimu assolut tagħha. Dan ifisser illi l-Avukat Ġenerali m'għandux raġun fl-appell minnu ntentat.

---

[2] Il-Pulizija vs. Vincent Calleja, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Marzu 2002.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Edwina Grima.**

**Imħallef**